MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 349/2011

**Elmo Insurance Ltd et**

**Vs**

**Carmelo Spiteri**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 t'April, 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' efejn erba mija u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmu (€2,450.65) li tirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attrici Christianne Caruana, assigurata tas-socjeta' Elmo Insurance Ltd, u li ghalihom ghamlu tajjeb, in kwantu ghall-ammont ta' elfejn tlett mija u hamsa u ghoxrin ewro hamsa u sittin centezmu (€2,325.65) is-socjeta' attrici '*Elmo Insurance Limited*', in kwantu ghall-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) l-istess Christianne Caruana in linea ta' '*excess payment*', bhala rizultat ta' incident awtomobilistiku illi sehh fit-30 ta' Awissu, 2010 fi

Triq id-Dahla tà San Tumas, Zejtun, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LCN 881, proprjeta tal-attrici Christianne Caruana u misjuqa minn Victor Caruana u ziemel li kien qed jinstaq mill-konvenut u li kien taht il-kustodja u direzzjoni tieghu (Dok AZM1), liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ negligenza, traskuragni, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-imsemmi konventu Carmelo Spiteri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Novembru, 2010 bl-imghax legali b’effett mit-23 ta’ Novembru, 2010 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Illi l-konvenut permezz ta’ risposta li gietipprezentata fit-8 ta’ Gunju, 2011 eccepixxa illi jirrispingi bil-qawwa kollha t-talbiet tas-socjeta' attrici u l-atturi stante illi l-imsemmi incident bejn il-vettura LCN 881 sehh unikament minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta s-sewwieq Victor Caruana karta tal-identita numru 699251(m) kiser minghajr sinjal minn triq id-Dahla ta’ San Tumas ghal-gewwa Triq Giebja Rumana u meta tali manuvra ma kinitx permessa ghaliex hemm sinjali abjad kontinwi li tipprojbixxi tali manuvra ta’ dhul kif jirrizulta waqt is-smiegh tal-kaz anki minn xieda okulari. Illi l-imsemmija manuvra kkawzat il-mewt taz-ziemel proprjeta tal-intimat li gustament jitlob l-ispejjez taz-ziemel.

Fil-waqt illi kontestwalment ghar-risposta ghamel kontro talba ghal-valur taz-ziemel.

Risposta ghall-kontro-talba ma gietx ipprezentata.

Permezz ta’ affidavit Victor Caruana xehed illi hu kien qed isuq il-vettura LCN 881 proprjeta ta’ bintu Christianne Caruana. Fil-karrozza kienu hamsa min-nies inkluz tarbija ta’ hdax il gurnata. Ix-xhud spjega kif kien sejjer lejn id-dar tieghu stess fiz-Zejtun. Qal illi kien jaf illi warajh kien hemm ziemel u hu kien miexi bil-mod. Spjega kif xeghel l-indicator madwar mitt (100) pied il-boghod qabel dar ghal triq il-Giebja Rumana. Victor Caruana qal

illi minkejja li kien miexi bil-mod kompla jnaqqas u peress illi ma kienx gej traffiku min-naha opposta tat-triq beda bil-manuvra halli jaqsam u jidhol fit-triq mixtieqa. Meta f'daqqa u l-hin hass daqqa u tisbita kbira fuq in-naha ta' wara tal-vettura misjuqa minnu kif ukoll sema l-hgieg ta' wara jinkiser mad-daqqa. Dan ix-xhud jghid illi dak il-hin il-konvenut ammetta mieghu t-tort u ried jirranga bil-kundizzjoni li s-sewwieq jammetti t-tort. Pero Victor Caruana jghid illi dan l-arrangament ma accettahx.

Ix-xhieda ta' Victor Caruana giet rikonfermata ad verbatin minn bintu Christianne.

Din ix-xhud ikkonfermat illi l-konvenut ried jirranga billi jhallas ghall-ispejjez tal-karrozza pero huma jammettu mal-insurance. Qalet ukoll illi mar id-dar taghhom. L-istess gie kkonfermat mill-passigier l-iehor li kien riekeb fuq quddiem tal-karrozza Alexander Thenner.

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012 xehed Johann Triganza 'lli huwa surveyor ma l-insurance Elmo li kkonferma bil-Gurament ir-rapport li hejja hu stess. Spjega li l-maggorparti tal-hsarat kienu fuq wara n-naha tal-lemin. Spjega wkoll il-kont tal-ispejjez kif inhadem.

Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012 xehed il-konvenut li spjega li jiftakar li kien ghaddej lejn iz-Zejtun u quddiemu kien hemm Mazda. Jiftakar ukoll illi kien halla distanza bejnu u l-karrozza. Malli waslu fit-triq fejn gara l-incident il-Mazda qabdet u tat is-salt biex tikser ghal gos-side street minghajr indicator u meta ma setghetx iddur waqfet zopptu. Dan ix-xhud jghid illi tant il-karozza ma ghamlitx sinjal ghal fejn kienet sejra illi kieku ghamlet sinjal ghall-lemin kien jiskapulaha u jigbed ghax-xellug. Filfatt hu gibed ghal lemin fejn kienet sejra hi u ghalhekk gara l-incident. Dan l-incident qatt ma kellu jsehh minhabba illi t-triq hija maqsuma b'double white line. Minkejja li dawn huma faded pero jidhru f'Dok AT4. Hu jghid illi wara l-incident regghu saru pero din id-darba saru single white broken line. Pero x-xhud isostni li dak iz-zmien kien double.

Xehed ukoll John Borg li kien prezenti fit-triq meta sehh l-incident. Hu kien niezel bil-kontra tad-direzzjoni taz-ziemel. Ix-xhud jiftakar illi l-karozza ta'quddiem iz-ziemel tat is-salt biex iddur izda hu u l-karozza ta' qablu ma tawhiex cans u kien hawn illi z-ziemel dahal go fiha ghaliex il-karozza daret f'daqqa minghaliha li ser tghaddi ghas-side street ma cedewlhiex u kellha tieqaf.

Il-konvenut permezz tal-avukat tieghu naqqas il-kontrotalba tieghu u nizzel l-ammont mitlub taz-ziemel ghal tlett elef erbgha mija u hamsa u disghina ewro (€3,495).

Wara li t-Tribunal ra d-dokumenti pprezentati u semgha x-xhieda u l-verzjonijiet tal-partijiet jidher illli dan huwa ncident fejn il-karrozza Mazda LCN 881 ghamlet manuvra sabiex iddur lejn side street. Meta karozza tkun qed taghmel manuvra bhal din ix-xufier irid joqghod b'attenzjoni specjali u jkollu ghajnejh fuq kull naha specjalment fi triq traffikuza u li mhix wiesa esagerat bhal din in kwistjoni.

Il-verzjonijiet tal-konvenut u tax-xhud Borg illi ma kienx hemm indicator hija wahda li titwemmen u dan peress illi li kieku l-konvenut ra l-indicator kien jigbed lejn ix-xellug u almenu jekk kien jolqot il-karrozza kien jolqotha fuq wara fuq ix-xelluq mhux fuq il-lemin. Dan juri illi l-konvenut tant me kienx jaf fejn sejra l-karrozza li kiser fid-direzzjoni taghha.

Rigward il-kwistjoni tal-linji fit-triq, it-Tribubal huwa tal-fehma illi dawn is-sinjali minkejja li ftit jidhru huwa filfatt double white line, u huwa ben saput illi double white line ma jaqta qatt. Ghalhekk it-Tribunal jaqbel ma dak li qal il-konvenut dwar il-fatt illi l-konvenut qatt ma stenna li l-karrozza ser iddur f'post illi mhux suppost illi ddur. Dan minkejja li r-rapport tal-pulizija jghid illi ma sarux kontravenzjonijiet tat-traffiku. Pero dawn is-sinjali inzertaw jidhru fir-ritratt AT4.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma kellux tort, la kien negligenti, la kien traskurat u lanqas naqas

milli josserva r-regolamenti tat-traffiku u ghalhekk jichad it-talba attrici u jillibera l-konvenut.

Fir-rigward tal-kontrotalba it-Tribunal jara li minkejja li l-konvenut jghid illi xtara z-ziemel tieghu tlett elef maltin (Lm3,000) u cioe ekkwivalenti ghal sitt'elef disa' mija tmienja u tmenin ewro u tnax-il cenezmu (€6,988.12) huwa rriduca l-ammont ghal tlett elef erbgha mija u hamsa u disghin ewro (€3,495). Fir-rigward ta' din it-talba t-Tribunal jiddiciedi billi jilqa' il-kontrotalba u dan minhabba li l-incident sehh minhabba l-manuvra tal-karrozza tal-marka Mazda LCN 881 u ghalhekk jikkundanna lis-socjeta' attrici sabiex thallas lill-konvenut is-somma ta' tlett elef erbgha mija u hamsa u disghin ewro (€3,495) bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------